MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 468/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**SALVATORE BRUNO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SALVATORE BRUNO**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Domenico u Letteria nee' Giuffrida, imwieled Caltagirone l-Italja nhar il-11 ta' Gunju 1985, residenti Via Pietro Novelli/SNC Caltagirone, Sqallija u detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana numru AR 3626509 gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Settembru 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' statement, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali, kopja awtentikata tal-id card tal-imputat, fedina penali u kunsens tal-Avukat Generali.

Rat li l-Prosekuzzjoni esebiet materjalment droga li nstabet fil-pussess tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa ta' nazzjonalita' Taljana u ma jitkellimx bil-lingwa Maltija u lanqas Ingliza u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Renzo Porsella Flores bhala interpretu sabiex jassisti lill-imputat u jittraduci mil-lingwa Taljana ghal-lingwa Maltija u vici versa.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux mezzi finanzjarji u l-Qorti ghalhekk innominat lil Dr Renzo Porsella Flores bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum disgha (9) ta' Settembru 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha (9) ta' Settembru 2013.

Invista ta' tali ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza.

Il-Qorti rat illi l-ammont ta' droga li l-imputat kellu fil-pussess tieghu kienet wahda verament de minimis u li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat SALVATORE BRUNO hati ta' l-akkuza u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizjoni li ma jwettaqx reat iehor ghal zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Inoltre, tordna d-distruzzjoni tad-droga esibita u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli'.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------